**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 234/97

Anthony Degabriele

vs

Chairman Air Malta Company Limited

Illum 12 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-1994 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi saret diskriminazzjoni kontrieh meta ma nghatax impjieg li kien jisthoqqlu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien ilu erba' snin bla xoghol u kien regolarment jirregistra ghal impjieg.

Fl-1994 gie mibghut mill-Employment Training Corporation l-Air Malta Co. Ltd. peress li din kellha vakanzi ghall baggage porters.

Ir-rikorrent ghamel ezami bil-miktub u anke attenda ghal interview. Huwa deherlu li kien mar tajjeb hafna f' dawn ghaliex kull ma gie mitlub jaghmel, deherlu li ghamlu tajjeb.

Illi madankollu, meta hareg ir-rizultat, gew impjegati tletin ruh, izda r-rikorrent ma kienx wiehed minnhom, minkejja l-fatt li r-rikorrent kien jaf skola izjed minn uhud li gew impjegati u kien ilu jirregistra ghal zmien twil aktar minnhom.

Illi r-rikorrent qatt ma nghata ebda spjegazzjoni valida ghaliex ma giex impjegat f'dik l-okkazzjoni u fil-fatt sa llum ghadu minghajr impjieg. Huwa sostna li huwa ma nghatax l-impjieg li kien jisthoqqlu mal-intimat x' aktarx ghal mottivi politici.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b' konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew prefrenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq lix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jordna illi jinghata rimedju billi r-rikorrent jinghata impjieg fil-grad ta' "baggage porter" mal-kumpanija intimata, mal-ewwel opportunita` li jkun hemm vakanza.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent talabb li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Air Malta Co. Ltd. Li eccepiet:

1. Illi meta r-rikorrent gie mibghut mill-Employment Training Corporation l-Air Malta Co. Ltd. mieghu gew mibghuta 189 kandidat iehor (Dok A).

2. Illi l-allegazzjoni li r-rikorrent ghamel ezami bil-miktub hija skoretta, in fatti kull ma ghamel kien interview, waqt liema interview huwa gie mistoqsi jaqra kemm bl' Ingliz kif ukoll bil-Malti u dana biss biex jigi stabbilit il-livell letterarju tieghu.

3. Illi mhux korrett illi tletin kandidati gew maghzula. In fatti hadd ma gie maghzul u dana minhabba l-fatt illi 48 loaders kienu ghadhom kemm gew ingaggati f'Marzu 1994.

4. Illi ma hijiex id-drawwa tal-kumpanija li tiggustifika r-rizultati tal-impjegati f' xi interview.

5. Illi d-decizjoni biex il-kumpanija ma tingaggax aktar "Temporary Loaders" hija decizjoni purament kummercjali u ghalhekk ma tistax tigi sindikata minn ebda Qorti jew Tribunal.

6. Illi bhala prova li ma saret ebda diskriminazzjoni kontra r-rikorrent, fin-1996 l-Air Malta regghet talbet lista mill-ETC u sar wkoll xi interviews - madankollu hadd ma gie ngaggat.

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li f' Lulju tal-1994 kien gie mibghut mill-Employment Training Corporation ghal interview mal-Air Malta Co. Ltd. peress illi l-Air Malta kellha vakanzi ghal "baggage porters". Il-Bord maghmul minn tliet persuni u staqsewh kienx jaf jitkellem u jaqra bil-Malti u bl-Ingliz hu wegibhom li jaf. Staqsewh ukoll dwar xoghol li kellu qabel u nfurmahom illi kien jahdem bhala driver ta' karozzi tal-linja u trakkijiet u bhala "delivery man". Hu ma giex ingaggjat u qatt ma nghata raguni. Sar jaf li whud minn dawk li gew impjegati kienu jafu skola anqas minnu u hu kien ilu jirregistra ghal zmien itwal minnhom. Sostna li kellu kwalifiki ahjar minn dawk li gew impjegati.Hu baqa' minghajr xoghol.

In kontro ezami sostna li dahlu xi 30 ruh jahdmu mal-Airmalta ghax kien iltaqa' ma' xi whud minnhom u dawn kienu nfurmawh li kienu gew impjegati, fosthom Charlo Mifsud li huwa miz-Zejtun ukoll. Fil-fatt kien dahal mal-Airmalta u ghadu sal-lum il-gurnata mal-Air Malta. Ghamel l-interview fiz-zmien li kien ghamlu r-rikorrent, kollox l-istess. Kienu marru flimkien ghall-interview.

Xehed Horace Degabriele missier ir-rikrorrent li semma lil Charlo li ma jiftakarx kunjomu u li spicca impjegat mal-Air Malta. Qal li bhala livell ta' edukazzjoni t-tifel mar l-iskola primarja u mar ukoll it-Trade-School u ghamilhom kollha. It-tifel jaf jitkellem u jikteb bil-Malti u bl-Ingliz ftit ukoll. Sostna li dan Charlo m' ghandux livell ta' edukazzjoni ahjar minn tat-tifel tieghu.

Xehedet Rita Taylor East li tahdem mal-Airmalta Company Limited u fil-kariga ta' Manager Human Resources. Semmiet li l-kariga ta' Baggage Porter ma tezistix mal-Air Malta. Fl-1994 ma kienx hemm ezami ghall-grad ta' Loader/Cleaner. Loaders/Cleaners qatt ma jsiru ezamijiet ghalihom, dawn isiru permezz ta' interview. Ma sarux interviews f' Marzu 1994 ghal Loaders/Cleaners. Il-luggage mal-Air Malta jgorruh il-Loaders/Cleaners. Anthony Gegabriele ma kienx imnizzel fil-lista tal-ETC ta' Marzu 1994 u ma tafx li qaghad ghall-interview ghax ma jirrizulta minn ebda lista. Infatti l-lista li hemm a fol 6 tal-process hija dwar summer workers u mhux ta' Marzu 1994.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent applika biex jahdem mal-Air Malta bhala baggage porter. Ir-rikorrent jikkontendi li hu kien aktar kwalifikat minn dawk li gew impjegati kif ukoll li kien ilu jirregistra aktar minn dawk li ntghazlu izda la gab provi tal-kwalifiki tieghu u anqas u anqas ta' haddiehor hlief li missier ir-rikorrent sostna li t-tifel tieghu zgur ma kellux livell ta' edukazzjoni anqas minn Charlo Mifsud li ntghazel.

Illi dan it-Tribunal li ma ghandu l-ebda lista ta' dawk li fil-fatt intghazlu bil-livell ta' edukazzjoni kif ukoll etajiet rispettivi u dettalji ohra ma jista' qatt jasal biex jistabilixxi mill-fatti li gew esposti fil-kors ta' din il-kawza li saret xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Biex din tirrizulta jrid jigi stabbilit b' mod car kwalifiki aktar, esperjenza aktar, personalita` ahjar, u kriterji ohra li jwasslu ghal decizjoni studjata tat-Tribunal li fil-fatt kien aktar

jimmerita lir-rikorrent li jigi moghti tali hatra milli persuni ohra. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent.

Spejjez kontra r-rikorrent.